MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 36/1999/1

**Victor Tonna bhala mandatarju ta' bintu msiefra
Veronica mart Daniel Gomes**

**v.**

**AIC Victor Bigeni u Carmel Bigeni**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur Victor Tonna nomine mis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-8 ta’ April 2005, mill-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Gernerali. Din il-kawza saret mill-attur nomine wara li zviluppat hsara strutturali konsiderevoli f'binja ta' tmien appartamenti kostruwiti fuq erba' sulari fi Triq it-Torri ta' Kenuna, qabel Triq it-Telegrafu, fin-Nadur Ghawdex. Bint l-attur hija proprjetarja ta' l-appartament bin-numru tnejn(2) bl-isem ta' “South View” f'dan il-korp ta' bini, u qeghda tippretendi risarciment ghad-danni li sofriet minhabba l-istess hsarat strutturali minghand il-konvenuti li huma rispettivament l-arkitett u l-kuntrattur li bnew l-imsemmi korp ta' bini.

2. Ghall-ahjar intendiment ta' l-odjerna sentenza din il-Qorti sejra tipproduci is-sentenza appellata kollha kemm hi:
"Il-Qorti,

"Ic-citazzjoni attrici tghid:

"Illi huwa nomine huwa l-proprjetarju tal-flat bin-numru tnejn (2) bl-isem ta' “South View” u li jifforma parti minn block ta' flats bl-isem ta' “Ta' Kenuna Block A” fi Triq it-Torri ta' Kenuna, qabel Triq it-Telegrafu fin-Nadur, Ghawdex;

"Illi dan il-flat jifforma parti minn block flats illi inbena ad opera ta' Carmel Bigeni bhala bennej u taht is-supervizjoni tal-Perit Arkitett Inginier Civili Victor Bigeni;

"Illi fl-ahhar snin din il-kostruzzjoni wriet illi hemm perikolu car illi sejra tiggarraf minhabba difett fil-kostruzzjoni jew ukoll minhabba difett ta' l-art;

"Illi konsegwenza tal-perikolu car ezistenti fl-imsemmi fond u tax-xoghlijiet rimedjali li kienu qed isiru mill-konvenuti, l-imsemmi flat ma kienx ghadu tajjeb ghall-abitazzjoni u ghalhekk l-attur nomine sofra telf ta' uzu ta' l-imsemmi fond;

"Illi l-konvenuti minkejja illi ppruvaw jirrimedjaw il-hsarat strutturali fl-imsemmi fond, qatt ma resqu ghall-hlas ta' Danni kagunati fl-istess fond per konsegwenza tax-

xoghlijiet rimedjali li saru mill-konvenuti, ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jaghmlu dan;

"Talbu ghaliex m'ghandhiex il-Qorti:

"1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine per konsegwenza tal-hsarat strutturali fil-flat proprjeta` ta' l-attur nomine u tax-xoghlijiet rimedjali li saru minnhom fl-imsemmi fond;

"2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine per konsegwenza ta' l-istess hsarat u tax-xoghlijiet rimedjali fl-imsemmi fond;

"3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu dawn id-danni kif hekk likwidati.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, tal-Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' Inibizzjoni u bl-interessi skond il-ligi sad-data ta' l-eventwali pagament effettiv; bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur nomine kontra taghhom.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa flimkien mal-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti:

"1. in-nuqqas ta' nexus guridiku bejn l-attur u l-konvenuti. L-atturi m'humiex qeghdin jispecifikaw jekk din l-azzjoni ghad-danni hijiex wahda "ex delictu" jew "ex contractu". L-atturi m'ghandhom ebda ness kuntrattwali mal-konvenuti. Ma jirrizultax li qed jibbazaw l-azzjoni fuq tort jew negligenza. Ghalhekk l-azzjoni kif proposta ma tistax tigi sostnuta;

"2. fi kwalunkwe kaz ma tirrizulta ebda responsabbilita` ta' "ex contractu" u lanqas "ex delictu" ghaliex il-perikolu car ta' tigrif ma garax minhabba difett fil-kostruzzjoni jew xi difett fis-sottoswol izda ghal ragunijiet geofinici skond ma jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa flimkien mal-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

"Rat s-sentenza taghha fil-kawza citazzjoni numru 227/98 u f'dik tal-kawza citazzjoni numru 61/99 li jittrattaw kemm meritu u eccezzjonijiet simili;

"Rat l-atti tal-kawza citazzjoni numru 227/98 ghal dak li jikkoncernaw provi li jinsabu migbura fil-maggor parti fl-istess citati atti u rat l-atti kollha tac-citazzjonijiet riferiti u assocjati;

"Rat ir-relazzjoni ta' l-esperti nominat minnha diversament preseduta, cioe` tal-Perit Italo Raniolo u l-Avukat Albert Camilleri annessa relazzjoni ta' l-espert geotekniku Anton Cassar nominat bi qbil bejn il-kontendenti sabiex jassisti l-esperti fuq imsemmija;

"Ikkunsidrat:

"Il-punti kemm legali u kemm fattwali f'din il-kawza gew gia` trattati u decizi fil-kawza citazzjoni numru 227/98. Il-Qorti qeghdha tadotta s-sentenza taghha f'din il-kawza, deciza illum stess.

"Qeghda ghaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni inutili l-argumenti u l-konkluzjonijiet tas-sentenza fuq riferita u fil-waqt li qeghdha taghmel pjena referenza ghaliha todottaha fl-interezza taghha ghal din il-kawza;

"Tosserva ghal kull bon fini illi f'din il-kawza il-mandatarju ta' l-attrici esebixxa numru ta' dokumenti in sostenn tad-danni inkorsi. Fil-waqt li mhux ser tidhol fil-meritu taghhom tghid u tosserva biss illi dawn id-dokumenti kienu jkollhom il-piz taghhom li kieku l-Qorti sabet lill-Arkitett u/jew il-bennej responsabbli. Stante li dan mhux il-kaz kull kumment ta' dawn id-dokumenti jkun superflwu u inutili.

"Ghaldaqstant, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-attrici fil-waqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

"In kwantu ghall-ispejjez tiddeciedi li anke f'din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

## II. L-APPELL

3. L-attur nomine intavola appell minn din is-sentenza b'rikors ipprezentat fit-27 ta' April 2005. Hemmhekk huwa elenka tmien aggravji, li wara li fissirhom talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ahwa Bigeni, tirrevokaha fil-kumplament billi tichad ukoll it-tieni eccezzjoni ta' l-istess konvenuti u tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

4. Dawn il-konvenuti ikkontestaw l-appell b'risposta pprezentata minnhom fit-18 ta' Mejju 2005. Fiha huma wiegbu dettaljatament ghas-sottomissjonijiet kollha li saru mis-socjeta` appellanti u ddikjaraw li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija gusta u ghalhekk tisthoqq li tigi kkonfermata minn din il-Qorti.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Din il-kawza tmexxiet kontestwalment ma' kawzi ohra quddiem l-ewwel Qorti, u tmexxiet ukoll kontestwalment ma' zewg kawzi ohra pendenti quddiem din il-Qorti, u cioe` c-citazzjoni numru 61/99 AMT fl-ismijiet **Joseph u Josette konjugi Farrugia v. AIC Victor Bigeni u Carmel Bigeni**, u Citaz. Nru. 277/99 AMT fl-ismijiet **Bank of Valletta v. AIC Victor Bigeni u Carmel Bigeni**. Sar hekk billi l-meritu tat-tlett appelli msemmija huma, tista' tghid identiku.

6. Illum stess din il-Qorti ppronunzjat is-sentenza taghha fil-kawza fuq imsemmija Citaz. Nru. 277/99 AMT fejn il-meritu kollu ta' l-appell, gie debitament trattat u deciz.

7. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili, din il-Qorti qieghda tadotta il-motivazzjoni u l-konkluzjonijiet kollha kontenuti

fl-imsemmija sentenza li nghatat illum fil-kawza 277/99 AMT, u l-kopja taghha qieghda tigi annessa hawn bhala appendici, biex tifforma parti integrali mill-odjerna kawza.

8. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata - b'riserva ta' kull dritt "*si et quatenus*" li l-appellant nomine jista' talvolta jkollu anke fil-konfront ta' terzi persuni.

L-ispejjez kollha konnessi ma' dan l-appell jibqghu a karigu ta' l-appellanti nomine.

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta v. AIC Victor Bigeni u Carmel Bigeni,** Citazzjoni Numru 277/99 AMT, qieghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------